Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2526

Kaz Numru 2437/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Josephine Attard Sultana

U

Tony Zarb (Segretarju Generali tal-GWU) et

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta

Illum 16 ta' April 2018

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 6 ta' Dicembru 2006 mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Josephine Attard Sultana fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Josephine Attatd Sultana maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona u ghall-General Workes Union deher Dr. Aaron Mifsud Bonnici.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li dejjem tahdem b'mod rett u ghall-gid tal-Union u t-tkeccija kienet saret minghajr raguni gusta u

sufficjenti fil-Ligi apparti li t-tkeccija ittiehded mill-Kunsill Nazzjonali tal-GWU liema decizzjoni hija nulla u bla effett.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li s-socjeta appellata kellha dritt li tkecci lill-Josephine Attard Sultana minhabba d-diversi ragunijiet indikati fir-risposta taghha insubordinazzjoni u ghalhekk it-tkeccija hija gustifikata.

**PROVI**

Xehedet Josephine Attard Sultana fejn qalet li kienet impjegata mal-Gvern bhala Instructress fl-iskala ta' salarju numru 7 u wara giet maghzula biex tahdem mal-GWU u l-posizzjoni taghha mal-Gvern kien li tinghata leave specjali bi hlas li kellu jigi imgedded minn sena ghal sena. Aktar tard giet mahtura fil-GWU bhala segretarja tat-taqsima tas-settur pubbliku. Fil-8 ta' Awissu 2016 issejhet laqgha ghad-delegati ghall-Kunsill Nazzjonali tal-GWU fejn gie deciz li Josephine Attard Sultana titnehha mill-kariga taghha tat-taqsima tas-Settur Pubbliku liema mozzjoni ghaddiet. Kompliet tixhed u qalet li kienet tithalas direttament mill-GWU u s-salarju kien aktar ghax kienet tithallas bir-rata tas-segretarja tat-taqsima madwar erbat elef Liri Maltin (LM4,000) ohra. Ilmentat ukoll illi l-GWU ma rraportatx lura lid-Dipartment tal-Gvern bil-konsegwenza li tilfet l-progression minn 2004 sa Jannar 2007. Qalet ukoll li kien hemm pjan sabiex titnehha. Tat deskrizzjoni tal-grajjiet kif sehhew qabel il-laqgha u waqt il-laqgha kif ukoll waqt il-proceduri tal-Appell.

Xehed Tony Zarb fejn qal li Josephine Attard Sultana kella l-istess kundizzjonijet tal-impjieg bhal dawk ta' segretarji tat-taqima l-ohra. Spjega l-process kif ittiehed il-vot ghat-tkeccija ta' Josephine Attard Sultana.

Xehedet Doreen Ellul li hija d-Direttur Generali responsbbli mill-Public Administration fejn qalet li Josephine Attard Sultana kienet impjegata mal-Gvern u hadet unpaid leave on grounds of public policy sabiex bejn 8 ta' Ottubru 1996 sa 29 ta' Settembru 2006 u wara rcevew ittra li r-rilaxx kien spicca u marret tahdem lura mal-Gvern u dan ir-rilaxx jigi approvat kull sena. Bhala fatt giet lura mal-Gvern fil-20 ta' Settembru 2006 Bhala promotions hadithom ukoll.

Xehed Charles Polidani li huwa s-segretarju ezekuttiv tal-Public Service Commission fejn stqarr li Josephine Attard Sultana giet ingaggata mal-Gvern fil-18 ta' Frar 1986 fil-post ta' instructor u qatt ma tilfet l-impjieg taghha mal-Gvern

Xehedet Margaret Magrin rapprezentanta ta-GWU f'Ghawdex li tiehu hsieb u kienet responsabbli mill-haddiema Ghawdxin fejn spjegat ir-relazzjoni professjoni taghha ma Josephine Attard Sultana.

Xehed Jesmond Bartolo fejn qal li huwa membru tal-Union u li hu kien delegat mat-taqsima immexxija minn Josephine Attard Sultana fejn spjega ir-relazzoni professjonli tieghu li kellu ma Josephine Attard Sultana fejn spjega l-problemi li kien hemm fit-taqsima

Xehed Tony Zarb fejn qal li rcieva petizzjoni mid-delegati u li kien hemm kummissjoni sabiex jinvestiga dan l-ilment fejn din il-kummissjoni kienu taw rapport lilu u wara mexa mad-decizzjni tal-Kunsill Nazzjonali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid u qieghed jaghmilha cara mill-bidu illi l-impjieg ta' Josephine Attard Sultana kien mal-Gvern u kellha levve li kien ghal sena u jiggedded ghal sena. Dan ifisser ghat-Tribunal li Josephine Attard Sultana qatt ma tilfet il-job taghha. Kellha l-opportunita minhabba l-policy tal-Gvern sabiex tiehu il-Public Policy leave u tiehu leave with pay jew leave without pay u tmur tahdem x'imkien iehor bil-kundizzjonijet li kellha imposta fuqha ill-Gvern. Tant hu hekk li meta l-inkarigu taghha mal-GWU spicca irritornat lura ghax-xoggol taghha mal-Gvern. Dan il-punt it-Tribunal qieghed jaghmilha cara mill-bidu halli tigi stradata l-kontinwazzjoni tad-decizzjoni.

It-Tribnual jifhem ghalhekk lli meta Josephine Attard Sultana dahlet tahdem mal-GWU u hadet il-posizzjoni ta segretarjaj fit-taqsima tas-Servizz Pubbliku l-GWU kien jikkompensa u ta' zidiet fil-paga li kienet qieghda tiehu sabiex tigi in line mas-segretarji l-ohra tat-taqsimiet l-

ohra xi haga li kellha dritt ghaliehom. Jirrizulta ghalhekk li dan ma jfissirx li kienet imjegata mal-GWU. Tenut kont ghalhekk ta' dan il-hsieb it-Tribunal qieghed jaghmilha cara li qieghed jistrieh biss fuq l-ittra li Josephine Attrd Sulatana irceviet mill-GWU fejn talbuha sabiex ma tkompliex tahdem gewwa l-GWU u bhala fatt giet mghajta lura ghax-xoghol mal-Gvern. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara li mhuwiex ser jidhol fil-mod kif Josephine Attard Sultana tnehiet mil-kariga tahha ta Segretarja tal-Taqsima gewwa l-GWU. Fl-ewwel lok dak kien kariga li tigi elett ghalih u kif tigi elett go fih tista' titnehha. Di piu mhiex il-kompetenza ta' dan it-Tribuanl jidhol u jssindika x'qieghed isir gewwa Union kif isiru l-hatriet kif jitnehhew l-ufficjali ghax ma jaqax taht il-kompetenza ta' Tribunal Indistrijali u dan it-Tribunal mhux ser jippermetti li jigi uzat jew abuzat b'dan il-mod.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jiddeciedi billi ma ghandhux kmpetenza u ma jiddecidiex daw il-procedura li intuzat ghat-tnehhija ta' Josephine Attard Sultana mill-kariga taghha ta' Segretarja ta' Settur, qieghed joqghod fuq l-ittra mibghuta lilha fejn tnehheit minn dan l-inkairgu u it-Tribunal qieghed joqghod fuq id-decizzjoni tal-Gvern li jerga' jibghat ghaliha u tmur lura tahdem mal-Gvern liema xoghol Josephine Attard Sultana accettat u li ghalhekk qatt ma kien hemm tkeccija mill-impjieg. It-Tribuhal jista' jaccetta ili kien hemm tnehhija mill-kariga tahha mill-Union pero qatt ma ttehhdiela ix-xoghol taghha u baqghat mal-Gvern kif dejjem kellha ix-xoghol taghha lest jistenna. Ghal grazzja tal-argument jekk il-Gvern kien bghat ghalieha ghax kellu bzoonha dan ma ma kienx jikkonsisti ghat-tekccija ingusta imma ghax waqfulha l-public policy leave u ghalhekk zgur li dan il-kaz mhux kas ta' tkeccija ingusta min fuq il-post tax-xoghol.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Josephine Attrd Sultana ma rnexxilhiex tipprova li kienet sofriet minn tkeccija ingusta mill-post tax-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju